MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Numru 719/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**KURT MIFSUD ta’ 21 sena, iben Silvio u Josette nee’ Cuschieri, imwieled tal-Pieta’ nhar it-2 ta’ Dicembru, 1987, residenti fil-fond 12, Nirvana, Triq Angelo Borg, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 7088M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi Kurt Mifsud li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta’ Gunju, 2008 ghall-habta tat-3 ta’ fil-ghodu, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ Havana, li

jinsab gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag li kien fih is-somma ta' €135, digital camera ta' l-ghamla Pentax li hi ta' valur ta' €419.29 u mobile ta' l-ghamla LG Prada li hu ta' valur ta' €465.88 ghad-dannu ta' Leanne Falzon, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro(€233) izda li mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat li moghti l-kunsens ta' l-Avukat Generali, l-imputat iddikkjara n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghall-istess proceduri;

Rat li fi stadju ta' nterrogatorju l-imputat ghazel illi jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li gie moghti zmien bizzejjed mill-Qorti biex jahseb fuq l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur dwar il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni;

Rat li r-res furtiva giet ritornata mill-imputat;

Rat l-istqarrija kif ukoll il-fedina penali netta ta' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Kurt Mifsud** hati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu, izda qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xhaar, ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------